MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Numru. 3/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs.**

**Kevin Michael Steer-Chetham**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Kevin Michael Steer-Chetham ta’ 45 sena iben Roy u Jane Antida nee’ Camilleri mwieled Awstralja fit-8 ta’ Jannar 1964 u residenti 41 Flat 2, Triq Sant’Anna, Valletta, ID 417687 (M)

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fl-4 ta’ April 2009 u fix-xhur ta’ qabel din id-data:

(a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornut lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li semghet lill-imputat jiddikjara li ma jridx l-assistenza tal-avukat.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata, il-fedina penali

mhix allarmanti u m'ghandux precedent ta' abbuz ta' droga u kif wkoll li l-imputat jahdem regolarment fuq ir-riggijiet taz-zejt barra minn Malta u gie Malta apposta ghal din il-kawza sabiex dawn il-proceduri kriminali ma jibqghux pendenti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-imputat il-portata ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------